**330. L-ONOR. AUSTIN GATT MP, Ministru għal INVESTIMENT, INDUSTRIJA U TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI** jipproponi:-

Billi, skond ftehim lokatizzju bejn il-Malta Freeport Corporation Limited (MFC) u Malta Freeport Terminals Limited (MFTL) tal-5 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, l-MFTL ngħatat lokazzjoni ta' 30 sena ta' dik il-parti tal-Port Ħieles indikata fl-istess ftehim;

U billi, fl-istess ġurnata, l-MFTL ingħatat liċenzja ġdida, għall-istess perjodu, mill-MFC;

U billi l-MFC u l-MFTL daħlu fi ftehim li permezz tiegħu, l-MFTL intrabtet li tagħmel investiment sostanzjali fil-Port Ħieles li għandu wkoll jiġġenera opportunitajiet ta' impjiegi ġodda;

U billi, skond l-istess ftehim, l-MFC intrabtet li, in vista ta' l-imsemmija investiment, tagħti d-dritt lill-MFTL li testendi l-imsemmija lokazzjoni u liċenzja għal perjodu ulterjuri ta' 35 sena;

U billi hu meħtieġ li, biex iseħħ l-imsemmi ftehim, l-arei ta' Malta li, fil-preżent, jikkostitwixxu Port Ħieles skond kif muri fl-iskeda għall-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap. 334) jiżdiedu skond kif muri fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok A;

U billi, skond l-artikolu 3(2) ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap 334), il-Prim Ministru jista', b'ordni approvata b'riżoluzzjoni ta' din il-Kamra, jemenda l-imsemmija Skeda;

Jipproponi għalhekk li din il-Kamra tirriżolvi illi tapprova l-ordni tal-Prim Ministru hawn annessa u mmarkata Dok B li permezz tagħha l-Iskeda għall-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta qiegħda tiġi emendata biż-żieda ta' dawk l-arei indikati bir-rigi ħomor fil-pjanta annessa ma' l-istess ordni.

14.1.2008